MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 332/2008

**Synergix Ltd**

**V**

**Malta Fairs and Conventions Centre Ltd**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-tletin (30) ta ’ Settembru 2008 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna li-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ tmint elef hames mija hamsa u ghoxrin euro (EUR8,525) rapprezentanti ammont minnha dovut in konnessjoni ma’ kiri ta’ *gazebos, gas heaters, mushroom heaters* u *bistro tables* kif ukoll danni ghal *sliding curtain* u dan skond *invoice number* 4635 u *invoice number* 4714 li huma annessi u mmarkati bhala Dok. A u B.

Bl-ispejjes u bl-imghaxxijiet legali mid-data ta’ kull *invoice* sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ‘n subizzjoni.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni nhar id-disgha w ghoxrin (29) t’Ottubru 2008 skond ir-riferta tal-Marixxal Crucifisso Briffa nserita fl-atti a fol 7.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta’ Dicembru 2008 is-socjeta konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta’ ta’ tmint elef hames mija hamsa u ghoxrin euro (EUR8,525) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------